MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 38/2010

**Clifford Agius**

**Vs**

**Kunsill Lokali Pieta u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2011 giet kjamata fil-kawza SRF Cleaning Services, kif rapprezentata minn Stephen Farrugia u Joseph Attard**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 227 deciza mill-Bord ta'l-Appelli Dwar il-Kuntratti Pubblici fil-25 ta' Ottubru 2010, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"The Board*

1. *The PCAB opines that the appellant may have acted in good faith but the fact of the matter remains that he did not submit a document – a true copy of the original – which was mandatory.*

2. *The PCAB feels that the specifications, terms and conditions of the tender document were clear enough and that the penalty for the said conditions not being observed was stated in an unequivocal manner, namely failure by anyone "to respect the requirements will result in the rejection of the tender."*

3. *The PCAB considers the request made by appellant to be allowed to submit a true copy of the original tender document at this point as unacceptable.*

*As a consequence of (1) to (3) above this Board finds against the appellant Company.*

*In view of the above and in terms of the Public Contracts Regulations 2005, this Board recommends that the deposit submitted by the said appellants should not be reimbursed"*

Illi l-fattispecje ta' dana l-kaz huma piuttost semplici u mhux messi in kontestazzjoni. Illi harget sejha ghall-offerti mill-Kunsill Lokali tal-Pieta ghal Gbir ta' skart organiku u dana fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Marzu 2010. Dina it-tender kellha taghlaq fl-14 ta' Mejju 2010. Illi l-appellanti Clifford Agius ghalkemm dahhal l-applikazzjoni fit-terminu lilu koncess, madanakollu naqas milli jipprezenta kopja tat-*tender document* flimkien mal-original u ghalhekk gie skwalifikat mill-process tal-evalwazzjoni.

Illi il-Qorti tosserva illi kellha ghad-disposizzjoni taghha fotokopja ta' parti mid-dokument kontenenti is-sejha ghall-offerti ghal xi ragun inspjeggabli, fejn giet esebita biss dik il-parti li tinkludi l-artikolu 02 u cioe' il-kundizzjonijiet

koncernanti "Evaluation of Tenders". Il-Qorti tosserva wkoll illi spiss jigri illi meta jidhlu appelli minn bordijiet amminsitrattivi qed jigu ipprezentati fotokopji spezzettati mill-file tal-appellanti sabiex b'hekk hija ma jkollhiex quddiemha il-kwadru kollu tal-fatti, izda biss dawk il-bicciet li l-partijiet joghgobhom jesebixxu. Illi f'dik il-parti mid-dokument, allura li hemm esebit in atti issir distinzjoni bejn l-artikolu 2.1 u l-artikolu 2.2 billi l-ewwel wiehed jirregola il-metodu ta' sejha ghall-offerti imsejjah "*Three Package System*" filwaqt illi t-tieni wiehed jirregola il-metodu imsejjah "Single Envelope System, u dana in linja mar-regolamenti stabbiliti fl-Avviz Legali 296 tal-2010 skond il-valur tal-l-kuntratti. F'tarf dana l-artikolu hemm specifikat is-segwenti u cioe':

"***The Pieta Local Council is adopting the "Single Envelope System" procedure, according to the Council's estimate of the contract which amounts to €212000 (exclusive of VAT)***."

Illi il-Qorti qed taghmel dina d-distinzjoni ghaliex fil-kalwsola 2.1 applikabbli ghal procedura hekk imsejjha *Three-Package System*, hemm inserita il-klawsola illi:

"Each Technical offer and Financial offer must contain **one original** clearly marked "**Original**", and **one copy**, marked "**Copy**". **Failure to respect these requirements will result in the rejection of the tender."** Dana fir-rigward tat-*Three Package System.*

Il-klawsola, izda, ma hijiex identika in konnessjoni mal-procedura tas-*Single Envelope System* li giet adottata f'dana il-kaz billi l-klawsola 2.2 taqra:

Each offer must contain **one original** clearly marked "**Original**", and **one copy**, marked "**Copy".** U tieqaf hemm minghajr ma hija mizjuda l-penali tar-rigett tal-applikazzjoni fl-eventwalita illi dan ma jsirx mill-offerent.

Illi imbaghad dina il-klawsola terga titfaccja taht l-artikolu 2.3 intestata "Administrative Criteria" fejn jigu imposti certu kundizzjonijiet ghall-accettazzjoni tal-offerta fejn fit-tarf ta' dana l-artikolu jinghad:

"***Only those tenders that fulfill all the above <u>administrative criteria</u>*** (b'referenza cara ghall-artikolu 2.3) ***will proceed for the evaluation criteria***."

Jidher izda illi kemm il-Bord ta' Aggudikazzjoni fi hdan il-Kunsill appellat kif ukoll il-Bord ta'l-Appelli Dwar il-Kuntratti Pubblici interpretaw dawn il-klawsoli bhala applikabbli it-tnejn ghal kaz in dizamina meta ma kellux ikun hekk.

Illi l-Bord ta' Aggudikazzjoni jghid hekk fir-rapport tieghu:

"**One bidder, Clifford Agius, was disqualified due to the fact that he failed to provide a copy of his tender document, as requested by the last sentence in Article 2.1, as well as in Article 2.2",** u dana meta l-artikolu 2.1 ma kienx applikabbli billi il-procedura adottata kienet dik tas-*Single Envelope System*.

Ukoll il-Bord ta'l-Appelli dwar il-Kuntratti interpreta bl-istess mod indistintiment dawn iz-zewg kalwsoli meta iddecieda illi"

> ***"The PCAB feels that the specifications, terms and conditions of the tender document were clear enough and that the penalty for the said conditions not being observed was stated in an unequivocal manner, namely failure by anyone "to respect the requirements will result in the rejection of the tender."***

Dan wassal ghar-rigett ta'l-appell maghmul mill-appellanti Clifford Agius.

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, l-appellanti Clifford Agius ressaq is-segwenti aggravvji fejn ilmenta illi:

1. Illi mill-fatti ghandu jirrizulta ampjament illi l-appellanti nesa jaghmel kopja awtentikata ta’l-applikazzjoni tieghu. Illi fit-13 ta’ Marzu 2010 harget stqarrija mid-Dipartiment tal-Finanzi li kull min ikollu xi mankanza fid-dokument tat-*tender* irid jinghata l-opportunita ta’ jumejn sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu billi jhallas hamsin ewro u b’hekk tigi sanata l-posizzjoni tieghu. Illi din l-istqarrija izda ma gietx inkorporata fit-tender ta’l-appellanti li harget fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta’ Gunju 2010. Ghaldaqstant minhabba n-nuqqas tal-Kunsill appellat li ma dahhalx dina il-kundizzjoni fis-sejha huwa tilef l-opportunita’ biex jirregolarizza il-posizzjoni tieghu.

Illi b’digriet ta’ din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta datat l-10 ta’ Novembru 2011, giet milqugha it-talba tal-Kunsill appellat ghal kjamata fil-kawza tas-socjeta SRF Cleaning Services Limited kif rapprezentata minn Stephen Farrugia u Joseph Attard.

Illi l-Kunsill appellat ma ipprezenta l-ebda risposta ghal dana l-appell ghalkemm deher ghas-seduti quddiem din il-Qorti fejn ressaq is-sottomissjonijiet tieghu oralment.

Illi is-socjeta kjamata fil-kawza twiegeb ghall-appell imressaq minn Clifford Agius billi issotni preliminarjament illi Joseph Attard ma ghandu l-ebda rappresentanza tas-socjeta SRF Cleaning Services u kwindi ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-fatt ghar-rigward ta’ dana il-pregudizzjali, sar verbal mill-partijiet fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2013 fejn gie dikjarat illi Attard ma jirrapprezentax is-socjeta kjamata fil-kawza u kwindi abbazi ta’l-istess il-Qorti ser tilqa’ t-talba ta’l-istess kjamati fil-kawza u tghaddi biex tillibera lill-imsemmi Joseph Attard mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi s-socjeta kjamata fil-kawza tissolleva wkoll il-pregudizzjali dwar l-irritwalita u nullita tal-appell interpost u dana ghaliex tishaq illi l-appellanti

kellu jharrek mill-bidunett tal-proceduri kemm lil Kunsill appellat kif ukoll lis-socjeta kjamata fil-kawza bhala l-*preferred bidder* u kwindi tali nuqqas jirrendi dawn il-proceduri nulli u bla effett. Illi l-Qorti fir-rigward ta’ dana l-ilment tinnota illi t-talba ghas-sejha fil-kawza f’dan l-istadju tal-proceduri saret mill-Kunsill appellat, ghal liema talba l-appellanti irregistra l-opposizzjoni tieghu. Illi madanakollu permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, tal-10 ta’ Novembru 2011 dina it-talba giet milqugha u kwindi giet issannata l-*lacuna* li kien hemm fil-proceduri. Kwindi dana il-pregudizzjali huwa ormai issa sorvolat bid-digriet surriferit u kwindi gialdarba l-atti gew sanati ma ghandux ikun hemm ostakolu ghal prosegwiment tat-trattazzjoni ta’ dana l-appell.

Sorvolati ghalhekk dawn l-ostakoli procedurali, din il-Qorti sejra tghaddi ghal konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-uniku aggravvju sollevat mill-appellanti. Minn qari ta’l-aggravvju imressaq ghandu johrog li l-ilment issa devolut ghal konsiderazzjoni ta’ dina il-Qorti qatt ma ifforma il-mertu tal-appell quddiem il-Bord. Illi l-bazi ghall-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici kienet allegata kontradizzjoni fil-klawsola 2.2 tat-*tender document* u l-fatt li ma ipprezentax il-kopja tal-applikazzjoni tieghu flimkien mal-original bl-ebda mod ma affetwat il-kontenut tal-istess dokument. Kwindi id-decizjoni tal-Bord ta’Aggudikazzjoni tat-08 ta’ Gunju 2010 kellha tigi revokata u dana sabiex it-*tender* ta’l-appellanti tigi validament accettata. Illi kien biss permezz tar-rikors tieghu tal-appell illi l-appellanti ghall-ewwel darba ghamel referenza ghall-istqarrija mahruga mid-Dipartiment tal-Finanzi fejn inghatat koncessjoni ta’ jumejn sabiex l-offerent igib ruhu in konformita mar-rekwizti tas-sejha ta’l-offerta, liema stqarrija lanqas qatt ma giet esebita fl-atti ‘in prim’istanza’. Dana l-punt huwa sollevata mill-Kunsill appellat u mis-socjeta kjamata fil-kawza fit-trattazzjoni orali ghall-appell.

Din il-Qorti fliet is-sentenza appellata u irrizultalha illi fl-ebda parti tad-decizjoni il-Bord ma iddecieda il-punt legali u fattwali sottomess mill-appellanti fl-aggravvju tieghu. Kwindi biex id-decizjoni tkun appellabbli fuq dan il-binarju hemm bzonn li dik il-kwistjoni tkun iffurmat kontroversja quddiem il-Bord bejn il-partijiet, u tkun giet deciza fid-decizjoni appellata. Illi din hija Qorti ta' revizjoni li certament ma tistax tiehu konjizzjoni ta' argumenti godda li qatt ma ingiebu a konjizzjoni tal-gudikant in prim'istanza u li kwindi qatt ma kienu jiffurmaw parte mid-*decide*.

Illi ghalkemm dina il-Qorti hija tal-fehma illi id-decizjoni tal-Bord kienet wahda erronja billi l-kundizzjoni imposta fl-artikolu 2.1 ma kenitx ukoll inkluza fl-artikolu 2.2 li kien applikabbli ghal kaz in dizamina kif fuq spjegat, madanakollu hija prekluza milli tistharreg dana il-punt billi ma gie impustat l-ebda aggravvju in konnessjoni ma' dan l-argument ta' dritt.

Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq migjuba, filwaqt li tillibera lil Joseph Attard mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tichad l-appell.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ikunu ghak-karigu tal-appellanti ghajr ghall-ispejjez konnessi mal-kjamata fil-kawza tas-socjeta SRF Cleaning Services Limited, Stephen Farrugia u Joseph Attard li ghandhom jigu sopportati mill-Kunsill appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------